**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 5 ta' Frar, 2016**

**Il-Pulizija**
**Spettur Daryl Borg**

**vs**

**Paschalino Cefai**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Paschalino Cefai detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 52480M akkuzat talli fit-2 t' Ottubru, 2014 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu u fil-hinijiet ta' qabel, gewwa l-Qorti ta' Malta, f' Awla numru 7 il-Belt Valletta:

1. Ingurja, jew hedded, lil Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D., waqt li kienet qieghda taghmel jew minhabba li kienet qieghda taghmel id-dmirijiet taghha, jew bil-hsieb li jbezzaghha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga taghha u dan bi ksur tal-Artikolu 93 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzahom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni moghti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' PC 1415 Ryan Borg Ungaro f'periklu car, kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1415 Ryan Borg Ungaro, hekk kif iccertifika Dr. Giovanni Grech detentur ta' numru tar-registru mediku 5537 gewwa d-Dipartiment tal-Kura Primarja, Floriana, u dan bi ksur tal-artiklu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' hgiega ghad-dannu tad-Direttur tal-Qorti u/jew entitatijiet ohra u terzi ohra, liema hsara ma tiskorrix l-mitejn u hamsin euro (€250) u dan bi ksur tal-artikolu 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra l-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D., l-ufficjali tal-Pulizija, Spettur Johann Joseph Fenech, Spettur Kevin Pulis, Spettur Dennis Theuma, is-Surgent 6 Duncan Saviour Demicoli u l-Kuntistabbli 1415 Ryan Borg Ungaro sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal kliem li jikkonsisti f'dagha u dan bi ksur tal-Artikoli 338 (bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizju tal-Avukat Generali datata 18 ta' Mejju, 2015 (esebita a fol. 191 tal-process fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub;

- Fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 412C, 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 93(3) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 95, 221 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 96(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 221 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 338(ee) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 339(1)(d) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 338(dd) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 338(bb) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-18 ta' Gunju, 2015 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet il-provi.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mid-Difiza.

Rat illi s-sitt imputazzjoni giet irtirata mill-Prosekuzzjoni waqt l-udjenza tal-14 t' April, 2015.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw incidenti li nqalghu ift-2 t' Ottubru, 2014 ghall-habta tal-11:30am fl-edificcju tal-Qorti, l-ewwel fl-Awla numru 7 li fejn dak il-hin il-Qorti tal-Magistrati kienet presjeduta mill-Magistrat Miriam Hayman u sussegwentement fil-kurituri tal-Qorti u fil-lock up fejn jinzammu l-prigunieri li jkollhom il-kawzi, bejn l-imputat fil-kawza odjerna Paschalino Cefai u l-Magistrat Miriam Hayman, membri tal-Pulizija Ezekuttiva u l-iskorta li kien hemm mal-imputat. Fil-gurnata in dizamina fil-fatt l-imputat kellu kawza quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Magistrat Hayman fejn l-Ufficjal Prosekutur kien l-iSpettur Johann Fenech. Huwa ttella' fl-Awla skortat minn PC 1415 Ryan Borg Ungaro u meta bdiet tinstema' l-kawza tieghu u ssejjah l-avukat difensur tieghu Dr Edward Gatt dan ma deherx izda l-Magistrat Hayman kompliet tisma' l-provi tal-Prosekuzzjoni nonostante li l-imputat beda jinsisti li xtaq li jkun hemm prezenti l-avukat tieghu u huwa gie msikket ripetutament mill-Magistrat.

Illi meta l-Ispettur Johann Fenech hareg mill-awla sabiex isejjah xhud u rega' dahal huwa sab lill-imputat li kien kwazi tela' fuq it-tribuna fejn kien hemm bilqeghda l-Magistrat u fejn l-istess imputat beda jghajjat u jghid kliem oxxen u dagha u jhedded lil Magistrat Hayman li ser isibha barra u ipattihilha. Malli l-Ispettur Johanna Fenech beda jipprova jikkalma lill-imputat dan aktar irvilla,

beda jissara mal-Ispettur Fenech u l-iskorta kif ukoll mal-Ispetturi Kevin Pulis u Dennis Theuma li sadanittant dahlu fl-awla ghaliex semghu l-istorbju. L-imputat nehha l-glekk, qabad lill-iSpettur Fenech minn ghonqu u qattalu l-ingravata u beda jheddu li ser isibu barra u joqtlu jew jaghmel xi haga lill-membri tal-familja tieghu.

Illi wara li l-Magistrat Hayman ordnat li l-imputat jigi arrestat u l-Ispettur u PC 1415 rnexxielhom jimmanetjaw lill-imputat u johorguh barra mill-awla huwa kompla jaghmel l-istorbju fil-kuritur sakemm tnizzel fil-lock up bil-lift fejn kien hemm mieghu l-Ispettur Kevin Pulis u PC 1415. Jidher li l-imputat ikkalma fil-lift izda meta ttiehed fil-lock up huwa rega' rvilla u wegga' lil PC 1415 bil-manetta fejn dan kellu jittiehed il-policlinic u gie certifikat li kellu griehi ta' natura hafifa[1]. Fil-lock up l-imputat beda ukoll ihabbat wiccu mal-lockers u wegga' lilu nnifsu u kisser mera sakemm eventwalment gie kkalmat u dakinhar stess filghaxija huwa rrilaxxja Stqarrija[2] wara li rrifjuta li jikkonsulta ma' Avukat fejn huwa rrifjuta wkoll li jwiegeb ghad-domandi li sarulu.

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-fatti gew konfermati mill-Magistrat Miriam Hayman li xehdet f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-13 ta' Frar 2015 fejn spjegat li ghalkemm widbet lill-imputat sabiex ma jkompliex jghajjat waqt li kienet qed issir il-kawza tieghu huwa xorta wahda kompla b' dan l-agir fejn hija mbaghad sabitu hati ta' disprezz u huwa f' dak l-istadju beda jghajjarha u jheddidha li ser ipattihilha u beda jghid lill-Ispettur Johann Fenech li kien ser joqtlu. Il-Magistrat Hayman spjegat li l-imputat resaq lejha u meta huwa gie mwaqqaf mill-Pulizija tal-

---

[1] Vide certifikat mediku inserit a fol 33 tal-atti processwali
[2] Inserita a fol 30 sa 32 tal-atti processwali

iskorta u mill-Ispettur Fenech u xi Spetturi ohra huwa kien aggressiv fil-konfronti taghhom sakemm hija dahlet fis-sigrieta taghha minn fejn kompliet tisma' l-ghajjat. L-istaff tal-Magistrat Hayman Alexia Attard, Benjamina Mifsud u Nathalie Ellul ikkorraboraw pjenament dak li qalet il-Magistrat Hayman. L-Ispettur Johann Fenech li xehed fl-udjenza tal-31 ta' Ottubru 2014 ukoll ikkonferma dak li qalet il-Magistrat Hayman u spjega li l-imputat heddu li ser iqabbad lil xi hadd joqtol lilu jew lil familja tieghu. L-Ispettur Dennis Theuma li xehed fl-udjenza tal-4 ta' Dicembru 2014 spjega li sema' lill-imputat jhedded lil Magistrat Hayman u lill-Ispettur Johann Fenech "li ma kienux ser jghadduha lixxa" u li ser ipattihielhom u joqtolhom. L-Ispettur Theuma stqarr ukoll li ordna lill-imputat diversi drabi sabiex ipoggi bilqeghda u jikkalma izda dan injorah u minflok mexa fid-direzzjoni tat-tribuna tal-Magistrat. Dan ix-xhud qal ukoll li spicca mal-art meta beda jipprova jzomm lill-imputat.

L-Ispettur Kevin Pulis li ukoll xehed fl-udjenza tal-31 t' Ottubru 2014 ikkorobora dak li qalu l-Ispettur Fenech u Theuma u spjega inoltre dak li gara fil-kurituri tal-Qorti u fil-lock up fejn ra lill-imputat jirrezisti lil PC 1415 Ryan Borg Ungaro waqt li dan kien qed jipprova jimmanetjah u jwegga' lill-istess PC 1415 bil-manetti. L-istess PC 1415 meta xehed waqt l-udjenza tad-9 t' Ottubru, 2014 ikkonferma li l-imputat kien hebb ghalih u tah daqqa ta' manetta fejn ikkagunalu griehi ta' natura hafifa.

Ikkunsidrat:

Illi l-filmati mehuda mis-CCTV cameras tal-lock up tal-Qorti li huma riportati fir-rapport tal-espert tekniku Kurt Mahoney (inserit a fol. 136 et sequitur tal-atti processwali) juru lill-imputat jagredixxi lil diversi ufficjali tal-Pulizija li kienu qed jippruvaw jikkontrollawh.

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f' dawn il-provi u meta gie nterrogat huwa ghazel li ma jwiegeb ghal ebda domanda li saritlu. Huwa ressaq bhala xhud lill-avukat difensur tieghu Dr Edward Gatt li xehed fl-udjenza tal-4 ta' Settembru 2015 fejn dan spjega li ma kienx prezenti ghall-incidenti li nqalghu izda qal li l-klijent tieghu agixxa b' dak il-mod ghaliex xtaq li jkun assistit mill-avukat ta' fiducja tieghu waqt is-smiegh tal-kawza. Dr Gatt qal li huwa kien fl-Awla numru 7 fil-gurnata in dizamina fejn kellu kawzi ohra apparti dik ta' Paschalino Cefai u meta lesta dawk il-kawzi u talab sabiex isir dik tal-imputat gie nfurmat li din ma setghetx issir dak il-hin peress li l-imputat ma kienx ghadu ttella' mill-lock up. Huwa ghalhekk informa lil Magistrat Hayman li kien ser jaghmel xi kawzi ohra quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u talabha sabiex il-kawza ma ssirx fl-assenza tieghu peress li l-klijent tieghi jsir nervuz hafna jekk ma jkunx assistit minnu waqt is-smiegh tal-kawza. Dr Gatt qal li huwa llarga ghal madwar siegha u meta hareg mill-Qorti tal-Appell sema' li kienu nqalghu incidenti li jinvolvu l-patrocinat tieghu, u meta wara tkellem mieghu dan qallu li kien urtat hafna li l-kawza saret minghajr avukat u hassu antagonizzat izda qallu ukoll li kien jaf li zbalja. Dr Gatt sostna li dakinhar il-Qorti ghazlet li tisma' l-kawza fl-assenza tieghu meta kien ghad fadlilha xoghol iehor u ghalhekk setghet facilment tistennih.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti wara li semghet il-provi kollha migjuba mill-partijiet f' dan il-kaz u wara li regghet ezaminat l-atti processwali bir-reqqa kollha dovuta jidrilha li ma hemmx l-icken dubju li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu salv is-sitt imputazzjoni (hsara volontarja) li kif gie rilevat aktar 'il fuq

giet irtirata mill-Prosekuzzjoni. Del resto l-istess Difiza waqt is-sottomissjonijiet finali ikkoncediet li jirrizulta pruvat li l-imputat agixxa bil-mod allegat mill-Prosekuzzjoni u li ghalhekk tirrizulta r-rejita' izda mbaghad pruvat tiggustifika l-istess agir billi tghid li l-imputat kien agitat u hassu antagonizzat li l-Magistrat Hayman procediet sabiex tisma' l-kawza tieghu fl-assenza tal-avukat u sostniet li dan il-fatt ghandu jigi kkunsidrat ghall-fini ta' kalibrar tal-piena.

Illi din il-Qorti filwaqt li taqbel li l-imputat kellu kull dritt li jinsisti li huwa jkun assistit mill-avukat difensur tieghu waqt li tkun qed tinstema' l-kawza, jidrilha wkoll li huwa zgur ma kellu ebda dritt li jezercita dan id-dritt bl-ghajjat, l-istorbju, l-aggressjoni, l-ingurji u t-theddid. Fl-eventwalita' li l-Qorti injorat t-talba tieghu huwa kellu mezzi ohra sabiex jezercita d-dritt kostituzzjonali tieghu izda l-aggressjoni, it-theddid u l-ingurji zgur li ma jistghux jitqiesu bhala wiehed minn dawn il-mezzi.

Illi din il-Qorti kif presjeduta tixtieq tippuntwalizza li fil-kaz odjern fejn il-kawza dejjem giet appuntata sabiex tinstema' bil-hin u wahidha kien hemm okkazzjoni fejn is-seduta kienet intiza sabiex tixhed il-Magistrat Hayman (fit-13 ta' Frar, 2015) fejn l-avukat difensur tal-imputat Dr Gatt naqas milli jidher ghaliex sostna li kien barra l-edificcju tal-Qorti peress li bi zvista ma kienx ha notament tad-data. Din il-Qorti kif presjeduta filwaqt li dejjem taghmel l-almu taghha sabiex taccerta ruhha li d-dritt kostituzzjonali tal-akkuzat li jkun assistit min avukat ikun salvagwardjat u dan billi kemm jista' jkun tappunta l-kawzi bil-hin, tisma' l-kawzi fil-hin appuntat u tibghat lill-istaff tal-awla jfittxu lill-avukati difensuri jew icemplu lill-istess avukati sabiex jinfurmawhom li ser tibda tinstema' l-kawza, jidrilha li l-avukati ghandhom ukoll jirrikambjaw bl-istess

mod billi jaccertaw ruhhom li jaghmlu l-almu taghhom ukoll sabiex ikunu prezenti ghas-smiegh tal-kawzi sabiex jassistu lil patrocinati taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubju li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li tirrizulta r-rejita' taht l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju tat-18 ta' Mejju, 2015, inkluz l-addebitu tar-recidiva.

Ghall-finijiet ta' piena, tenut kont li l-imputat huwa recidiv u tenut kont tal-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati l-Qorti ser timponi piena karcerarja effettiva aktar vicin il-massimu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-18 ta' Mejju 2015 u senjatament l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 93(3), 95, 96(a), 221, 338(ee), 339(1)(d), 338(dd), 338(bb) u 342 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-seba' (7), tat-tminn (8), tad-disa' (9) u tal-ghaxar (10) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn (2) u erba' (4) xhur prigunerija. Stante li s-sitt (6) imputazzjoni giet irtirata mill-Prosekuzzjoni l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' €443.62 liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi ma' esperti f' dan il-kaz.

## MAGISTRAT